# Il-Bradella l-Ġdida tal-Vara l-Kbira

**Kan. Dun Joe Abela**



**Tberik tal-Bradella**

Nhar l-Erbgħa, 21 ta' Mejju, filgħaxija, **l-Eċċ. Tiegħu, Mons. Charles Scicluna**, Arċisqof Metropolita ta' Malta, inawgura u bierek il-bradella l-ġdida tal-Vara l-Kbira fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun. Il-bradella, opra prezzjuża u artistika nħadmet **mill-bravu Vincent Abela** u ġiet donata mis-**Sur Joe Spiteri**, it-tnejn ulied iż-Żejtun. L-arcisqof għamel ukoll ħsieb dwar l-erba' personaġġi li jiffurmaw dil-vara, jiġifieri Ġesu' Msallab, il-Verġni Marija, San Ġwann l-Evanġelista u Maria Maddalena. Għaliex għalkemm dil-vara aħna nsejħulha l-Vara l-Kbira, propjament hi tirrapreżenta l-**Kruċifissjoni ta' Ġesu' Kristu**. Insejħulha l-Vara l-Kbira għax turi l-quċċata tal-purċissjoni : il-mewt ta' Ġesu' fuq is-Salib u propju għalhekk il-banda minn dejjem kienet iddoqq marċi funebri quddiem din l-istatwa. Tradizzjoni tgħidilna li l-kurċifiss kien mogħti minn familja Ngliża li kienet toqgħod fi Triq San Girgor. Il-personaġġi l-oħra huma atribwiti lil Gilormu Darmanin. L-irjus tal-fidda li jiddekoraw lis-salib huma ta' Vincent Cuschieri fuq disinn ta' Frans Tibi.

Sa ftit tas-snin ilu qabel tibda l-purċissjoni dil-vara kienet titqiegħed fuq il-presbiterju u jsiru l-priedki tat-tliet siegħat. Fl-imgħoddi kienu responsabbli minn dil-vara, is-**Sur Carmelo Grima**, il-"foreman" u warajh is-**Sur Pietru Buttigieg**. Illum il-ġurnata hu l-kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira li jieħu ħsieb dil-vara.

**Bradelli prezzjużi flok fjuri.**

Ħaġa li snin ilu lili kienet tqajjimli ċerta kurżita' speċjalment meta kont inżur vari ta' purċissjonijiet oħra, kienu **l-fjuri li f'dawn il-parroċċi** kienu jitqegħdu quddiem il-vari tagħhom tal-Ġimgħa l-Kbira, ħaġa li fiż-Żejtun qatt ma kont rajtha ssir. Sakemm waħdi ndunajt għaliex!! Pereżempju f'Bormla jitqiegħed bukkett fjuri wieħed quddiem kull vara. F' ċerti parroċċi oħra kull vara tiġi mdawra dawramejt bi fjuri sbieħ u naturali. Aħna fiż-Żejtun ma nżejnux il-vari tagħna bil-fjuri ; veru li l-fjuri huma sbieħ iżda **aħna nżejnu l-vari tagħna bi bradelli sbieħ u**

**Ikompli...**

**prezzjużi** ħafna, speċjalment bl-artiġjanat. B'din tal-Vara l-Kbira li żidna dis-sena, issa minn tnax -il vara għandna **disgħa mżejnin bi bradelli artistiċi.** L-interzjar tal-panewijiet kien beda bil-bradella ta' Ġesu' fl-Ort aktar minn mitt sena ilu. Wara komplew bil-bradelli tar-Redentur u l-Veronica u hekk baqgħu sejrin! Dawn il-bradelli saru minn artiġġjani varji Żwieten u Maltin oħra bħal magħrufa Mose' Dalmas, Manuel Buhagiar, Alfred Azzopardi u Vincent Abela. Din is-sena, Dun Gino Gauci naddaf 'il-personaġġi kollha tal-Vara l-Kbira, filwaqt li Ludrick Vella llostra l-bradella l-ġdida. L-ornamenti tal-fidda huma xogħol tal-familja Cassar, li għamlu wkoll ir-restawr tal-brazzi. Ix-xogħol fuq il-blata tal-vara sar minn Aaron Camilleri Cauchi, filwaqt li l-bankun inħadem minn Alfred u Stephen Abdilla. Ix-xogħol kollu tal-ħadid bħall-bokka l-ġdida għas-salib, il-karru biex jinġarr il-bankun u ħafna xogħlijiet oħra nħadmu u ġew mogħtija bla ħlas mis-Sur Emanuel Spiteri.

## Il-Panew tal-faċċata ta' quddiem

Peress li l-bradella fiha erba' naħat, naturalment fiha erba' panewijiet, wieħed fuq kull naħa, kollha maħdumin minn injam tal-larinġ fuq l-ebbanu, il-ġewż u l-injam tal-ballut u bl-irjus tal-fidda. Is-Sur Vincent Abela biex isebbaħ 'il-bradella għamel użu mill-materjal tal- *bianco perla* kif ukoll għamel użu mill-irħam prezzjuż *lapis lazuli* biex joħroġ il-kulur kaħlani taħt l-ornamenti tal-fidda fil-kantunieri tal-bradella.

Id-disinn li f'kull panew jdawwar u jikkumplumenta l-emblema fin-nofs hu l-istess fihom kollha. L-emblema tal-passjoni f'kull panew tokkupa dejjem iċ-ċentru, peress li l-emblema hi l-iktar ħaġa mportanti. Naturalment l-iktar waħda mportanti hija dik tal-faċċata ta' quddiem u allura jixraq li nibdew biha. Hija verament sinjifikattiva ħafna u tagħti messaġġ mill-iktar impressjonanti. **Jidher salib b'kuruna tax-xewk imdendla man-naħa ta' fuq tiegħu. Qtar tad-demm niżlin mill-kuruna għal** ġewwa **kalċi li qiegħed viċin is-sieq tas-salib.** Verament figura mill-aqwa mhux biss tat-tbatija li Ġesu' sofra fil-Passjoni Tiegħu, iżda wkoll tal-Ewkaristija Mqaddsa. Ma ninsewx li kull quddiesa hi ripetizzjoni tal-passjoni ta' Ġesu' u l-inbid li s-saċerdot jikkonsagra fil-quddiesa isir id-Demm għażiż ta' Ġesu'. Tassew li l-imgħallem Vincent Abela ma setax jagħtina messaġġ isbaħ permezz ta' dan il-panew anke meta wieħed jikkonsidra li d-disinji kollha fuq il-bradella saru minnu.

## Il-Panewijiet l-oħra

**Ikompli...**

Inmorru issa għall-panew ta' wara. L-emblema tan-nofs fiha **l-ittri SPQR u żewġ lanez.** B' lanza suldat Ruman nifed il-kustat ta' Ġesu'. L-SPQR huma l-ittri li juru r-responsabilta' ta' Ruma fil-kruċifissjoni ta' Ġesu'. Huma l-erba' ittri bil-Latin simbolu tal-poter Ruman li jinqraw " *Senatus Popolus Que Romanus*", li bil-Malti jfissru s-Senat u l-Poplu ta' Ruma. Wieħed mill-panewiet laterali fih **is-sellum u l-isponża,** li biha s-suldat Ruman taparsi qata' l-għatx li tant kien qed ibati Ġesu' fuq is-salib, peress li kien tilef ħafna demm. Il-panew l-ieħor laterali jġib **l-imsiemer, il-mazza u t-tabella INRI,** li tfisser "*Jesus Nazarenus Rex Judeorum*", bil-Malti Ġesu' Nażżarenu Sultan tal-Lhud. Dawn l-ittri kitibhom Pilatu imma xejn ma għoġbu lil-Lhud li ma ridux lil Ġesu' bħala sultan tagħhom.

Awguri liż-Żejtun Corinthians FC
fl-okkażjoni tal-75 sena
mit-twaqqif tal-Klabb



Caruana Aluminium
CA
St. Joseph Garage,
Triq President Anton Buttigieg, Zejtun ZTN 03
Tel: 2166 4967 • Mob: 9949 9139
E-mail: caruana.aluminium@ melita.com